MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2011

Numru 494/2011

Il-Pulizija
(Spettur Michael Mallia )

vs

Stephen Catania

Il-Qorti:

L-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, ta' 26 sena iben Raymond u Tania Mary nee' Formosa u detentur ta' karta ta' identita' Maltija numru 518484M, jakkuzawh talli:

1. Nhar il- 5 ta' Frar 2011, San Pawl il-Bahar, flimkien ma tlett persuni ohra mhux maghrufa kkomentta serq ta' vettura tal-ghamla Toyota RAV4 bin-numru tar-

registrazzjoni MAR773 (valur totali ta' madwar (€2329.37) u li sehh ghad-deriment ta' Paul Abela;

2. izzid l-aqqravju bl vjolenza a termini bl-act 261(a) u 262 (i) (b) bl- kodici kriminali. Kif ukoll talli fl-istess data u lokalita', flimkien ma tlett persuni ohra mhux maghrufa kkommetta serq ta' base guitar' (valur ta' €302.82) mill fond nru.49, garaxx nru.9 fi Triq Katerina Vitale, liema serq huwa kkwalifikar bil-mezz u l-valur li jiskorri s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin ewro I tlieta u disghin centezmu (€ 232.93) izda inqas minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u li sar ghad-detriment ta' Martin Falzon;

3. Nakkuzah ukoll talli nhar il-5 ta' Frar 2011 u fil-jiem ta' wara din id-data, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwisti b'reat, sew jekk sar f' Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex inbieghhom jew imexxihom, liema oggetti misruqa gejjin minn reati ta' serq ikkawlifikat bil-valur;

4. Qieghed jigi akkuzat ukoll talli sar recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta b'sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi sar definittivi u li ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Semghet lil-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa jinsisti anka wara li l-Qorti tahtu zmien jiniksoka.

Semghet l-ufficjal tal Probation, rat u ezaminat ir-rapport taghha.

Ikkonsiderat:

L-imputazzjoni tar- ricettezzjoni hi in alternattiva ghal dik tas-serq. Kwindi l-imputat ghandu jigi liberat minnha. Fuq

dik tas-serq u r-recidiva l-imputat qieghed jirregistra ammissjoni volontarja u ikondizzjonata. Issibu hati tal-ewwel, it-tieni u r-raba akkuza u tilliberah mit- tielet;

Rat l-Artikolu 261 (a) (b) (c) (g), 262 (i) (b), 263 (a), 264, 267, 269 (g), 271 (g), 279 (b), 18, 49, 50 tal-kap 9;

Tideciedi, wara li tiddkjarah hati tal-imputazzjoniet minbarra dik ta ricettezzjoni, li tpoggih taht ordni ta probation ghal tlett snin mill- lum bl- applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal- Kap 446 b'ordni specifka li perjodikament jisottoponi ruhu ghal ezami tad-demm jew urina kif ordnat mill- Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------